QORTI TAL-APPELL

IMHALLFIN

S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI
ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA
ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017

Numru: 8

Rikors Numru: 657/2016

Joseph Demicoli u Paul Piscopo ghan-nom
u in rapprezentanza tal-Koperattiva
Ghaqda Koperattiva Sajd

v.

Angelic Mifsud f'ismu propriju u ghan-nom
u in rapprezentanza ta'
Lambusa Maritime Company Limited (C-39329)

Illi dan huwa appell minn provvedimenti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Gunju u 3 ta' Awwissu 2016 li qed jigu riprodotti ghall-ahjar intendiment:

<u>PROVVEDIMENT TAT-3 TA' GUNJU 2016</u>

"**Il-Qorti:**

"Rat ir-rikors datat 6 ta' Mejju 2016 fejn gie mitlub illi l-Qorti tissospendi l-proceduri ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond 150, Xatt is-

Sajjieda Marsaxlokk in kwantu dan gie lilu mikri mill-Ghaqda Koperattiva tas-Sajd, liema l-ahhar entita` nghatat sentenza favurieha fuq l-istess u ghal tali zgumbrament mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016.

"Gara li l-istess Koperattiva Irceviet ittra ufficjali minghand il-Kummissarju tal-Artijiet fejn giet infurmata li l Gvern ma kellux intenzjoni jkompli jgedded lill-istess Koperattiva l-kirja tal-fond imsemmi.

"Illi r-rikorrenti Informa lill-Qorti illi huwa Intavola Kawza, pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, 289/16 SM fejn in vista ta' dak dikjarat kif suriferit mill-Kummissarju tal-Artijiet talab, fost ohrajn, li l-intimati Koperattiva ma kellhiex dritt tiehu l-pussess tal-fond.

"Konsegwentement talab ir-rikorrenti fir-rikors in ezami illi l-Qorti, pendenti l-ezitu tal-kawza msemmija tissospendi l-proceduri tal-mandat ta' zgumbrament.

"Illi rat ukoll illi l-Koperattiva intimata b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju 2016, giet moghtija hamest ijiem zmien ghar-risposta.

"Rat illi Joseph Demicoli ghan-nom u in rapprezentanza tal-Koperattiva ghaqda Koperattiva tas-Sajd tal-visto tieghu ghar-rikors in ezami fit-30 ta' Mejju 2016.

"Ma giet intavolata ebda risposta ohra min-naha tal-Koperattiva intimata.

"**Ikkunsidrat:**

"Illi t-talba li ressaq ir-rikorrenti hija biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament mill-fond imsemmi.

"**Ikkunsidrat:**

"Illi r-rikorrenti ma ndikax taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed iressaq it-talba tieghu.

"Rat li l-Artiklu 283A tal-Kap 12 koncernanti talba ghal revoka jew sospensjoni ta' mandat ezekuttiv kien gie renumerat u mibdul bl-artikolu 281 tal-Kap 12[1] li jittratta dwar u hu "*marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu …… Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ.*"[2]

---

[1] Art XIV tas-sena 2006
[2] Micahel Micallef vs Lloyds Malta Ltd (C24284) Prim Awla 02.10.2014

"Kif ben qalet din il-Qorti diversament preseduta "*L-unika istanza kkontemplata mil-liġi fejn tista' tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv (apparti talbiet għas-sospensjoni ta' bejgħ bis-subbasta skont l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), hija dik prevista fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12……..*"[3]

"Konsegwentement, il-Qorti prevja li jigi indikat lilha taht liema artikolu tal-Ligi qed tigi proposta t-talba, qeghda f'dan l-istadju tichad it-talba."

PROVVEDIMENT TAT-3 TA' AWWISSU 2016

"**Il-Qorti:**

"**I. PRELIMINARI**

"Rat ir-rikors datat 16 ta' Gunju, 2016, fejn din il-Qorti intalbet ghar-ragunijiet hemm premessi biex terga' tikkonsidra mill-gdid it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament;

"Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Dimech noe (tista' tghid ripetizzjoni ta' dik gia` minnu intavolata fit-3 ta' Gunju, 2016) fejn oppona l-istess talba;

"Rat id-digriet taghha datat 3 ta' Gunju, 2016;

"Ikkunsidrat;

"Illi din il-Qorti gia` kellha opportunita` fid-digriet suriferit tesprimi dak li jghid l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u allura meta u kif huwa permess revoka jew sospenzjoni ta' **att ezekuttiv** a differenza tat-titolu ezekuttiv innifsu.

"Illi nonostante dak li rega' ippremetta r-rikorrent din il-Qorti tibqa' tal-istess hsieb kif gia` rifless fid-digriet taghha msemmi. Ghaldaqstant tichad it-talba."

Illi minn dawn il-provvedimenti appella allura l-intimat Mifsud li talab ir-revoka u t-thassir taghhom allura li din il-Qorti tilqa' t-talba tieghu u tissospendi l-mandat in kwistjoni. L-appellati irrispondew billi qalu l-ewwelnett li l-appell fir-rigward tad-digriet tat-3 ta' Gunju 2016 gie

[3] Alexander Farrugia vs More Supermarkets (Hamrun) Ltd (C57252) et, Prim Awla 17.12.2014, Rik. 997/2014 LM

prezentat “fuori termine”, li t-tieni digriet huwa fil-fatt fuq talba ghal rikonsiderazzjoni u allura fuq l-istess talba originali tal-appellant u fil-mertu t-talba tal-appellant hija infondata.

AGGRAVJI

L-appellant ressaq tlett aggravji izda l-ewwel tnejn huma konnessi intimament u allura se jigu ikkonsidrati flimkien.

L-ewwel aggravju huwa infatti li l-proceduri quddiem il-Prim’Awla saru “in camera” u dan imur kontra dak li jghid l-Artikolu 281 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

> “(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta’ xahar mill-jum tal-preżentata.”

L-appellant jargumenta allura (**fit-tieni aggravju**) li lanqas id-digriet ma nqara bil-miftuh skont l-Artikolu 281 (4);

> “(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista’ jsir b’rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara’ fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.”

Ma hemmx dubju li l-appell gie intavolat wara li skadew is-sitt ijiem imsemmija f’dan is-sub inciz fir-rigward tal-ewwel digriet; infatti gie prezentat fit-8 ta’ Awwissu 2016; u kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede

Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**:

> "Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares *ad unguem*, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);
>
> "Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu proceduralі la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority**", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);"

Madankollu f'dawn il-proceduri jirrizulta li kif issottometta l-appellant il-proceduri saru *in camera* u ghalhekk id-digriet ma nqarax kif nghidu komunament "in open Court". Allura strettament it-terminu ma bediex jiddekorri, ghaliex il-ligi tghid li s-sitt ijiem jibdew jiddekorru minn meta jsir il-qari bil-miftuh tad-digriet. Ghalhekk huwa evidenti li l-proceduri ma sarux kif kellhom isiru u kien ikun hemm lok biex din il-Qorti tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tosserva l-procedura kif dettata mil-ligi fl-artikolu msemmi. F'dan il-kaz pero` din il-Qorti ghandha l-materjal kollu mehtieg quddiemha u l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet kollha li dehrilhom li

ghandhom jaghmlu u l-Qorti hi f'posizzjoni li tiddeciedi hi stess il-kwistjoni minghajr il-htiega li tirreferiha lura lill-ewwel Qorti bil-hela ta' zmien li dan ikun jikkomporta.

'Il fuq imsemmi Artikolu tal-Ligi (281) jipprovdi testwalment fl-ewwel sub-inciz tieghu illi:

> **281.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih issottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien maddokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija cara u kostanti. Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawza **Pace v. Sultana** intqal:

> "Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ6. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir- rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;
>
> "Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[4]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema

[4] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"

(Enfasi ta' din il-Qorti).

Ghandu jigi enfasizzat ghalhekk, illi fi proceduri bhal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluza milli tqis il-mertu tal-kreditu ezistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi migbura fil-sentenza **Zammit noe v. Ellis noe**, 15 ta' Dicembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq citata sentenza **Pace v. Sultana**:

"ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ".

Is-setgha tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata ghall-ezami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12.

Fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C-3177) v. Doris Conchin** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell intqal hekk:

"… … … l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal

> raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ

F'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Borg v. Geomike Ltd** 29 ta' Mejju 2015, giet citata sentenza ohra tal-Prim'Awla fl-ismijiet **A.A.S.K Enterprises Ltd v. MORE Supermarkets (Fgura) Ltd**, deciza fit-12 Frar 2015:

> "Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv. L-argument tar-rikorrenti li l-esekuzzjoni tal-Mandat fuq hwejjeg li - skond ir-rikorrenti - qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata u li - skond hi - jgawdu privilegg aqwa minn dak tal-intimata ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta. Accertat illi kienu osservati r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma ghandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tghid li l-Mandat ma jiswiex.
>
> "… … …
>
> "Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata."

Is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta appena citata (**Borg v. Geomike**) kompliet tghid illi:

> "Din hi l-pozizzjoni korretta, kif gie ribadit fis-sentenzi fost ohrajn, decizi milli-stess Qorti fil-kawzi **Tolio v. Komarzynic** deciza fit-28 ta' Mejju 1999, **Bay Street Holdings Ltd v. Zammit Cachia**, deciza fis-7 ta' April 2009, **Joseph Said Ltd v. Agius** deciza fit-18 ta' Gunju 2014 u **Vassallo v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza fl-4 ta' Ottubru 2011.

> “Min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta’ mandat irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf *ai terminu* tal-Artikolu 156 tal-imsemmi Kap. 12.”

Dan kollu gie espress ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fil-vertenza fl-ismijiet **Dr Georg Sapiano nomine v. Joetta Scott**, deciza fil-25 ta’ Novembru 2016, fejn kompliet izzid:

> “Minn dawn is-sentenzi johrog car li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-mandat in kwistjoni la ghandu difetti fil-forma tieghu u li l-hrug tieghu sar korrettement. Anke l-fatt ii l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tigi attakkata separatament bi proceduri ohra ma jfissirx li t-talba maghmula taht l-Artikolu 281 ghandha tigi milqugha ghax dan ma jaffettwa xejn il-hrug ‘per se’ tal-mandat. Il-kwistjoni tal-proprjeta` tal-vettura wkoll giet trattata korrettement mill-ewwel Qorti u din il-Qorti taqbel perfettament mal-analizi u l-konkluzjoni taghha. Dawn is-sentenzi huma tant cari fir-rigward, li jitkellmu wahedhom u kwindi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tissofferma ulterjorment fuq it-talbiet tal-appellanti.
>
> “Din il-Qorti taqbel li t-talbiet tal-appellanti ibbazati kif inhuma fuq il-fatt li l-vettura in kwistjoni mhijex tar-rikorrenti Scott izda tas-socjeta` appellanti u li l-kambjala ghadha mhix titolu esekuttiv, ma humiex ta’ natura procedurali kif jissomettu l-appellanti, izda jmissu s-sustanza tat-talba taghhom. Il-mandat certament inhareg mill-Qorti kompetenti u ma hemm ebda zball fil-mod kif gie ordnat – u dawn kienu l-kwistjonijiet procedurali li kellhom jigu ikkonsidrati. It-talba tal-istess appellanti allura giet gustament michuda.”

DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti filwaqt li thassar id-digrieti appellati ghar-raguni moghtija, tghaddi biex tiddeciedi l-mertu billi xorta wahda tichad it-talbiet tal-appellant Mifsud fir-rikorsi kollha tieghu (kompriz f’dak

tal-appell fejn talab is-sospensjoni tal-mandat in kwistjoni); l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

Silvio Camilleri Prim Imhallef	Tonio Mallia Imhallef	Joseph Azzopardi Imhallef

Deputat Reġistratur
df